*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 14,010, 2 ta' Lulju, 1982*

*Taqsima C*

# Nru. 22

2. 7. 82

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph Cassar, M.P., Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament f'isem l-Onorevoli Reno Calleja, M.P., Ministru tat-Turiżmu u moqri għall-Ewwel darba fis-Seduta tad-29 ta' Ġunju, 1982.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1976 dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi.**

C. Mifsud

*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph Cassar, M.P., Senior Deputy Prime Minister and Minister of Justice and Parliamentary Affairs on behalf of the Honourable Reno Calleja, M.P., Minister of Tourism and read the First time at the Sitting of the 29th June, 1982.

**AN ACT further to amend the Travel Agencies and Hotel Services Act, 1976.**

C. Mifsud

*Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1976 dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1982 li jemenda l-Att dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1976 dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

Emenda ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali.

**2.** Fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 3 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "multa ta' mhux iżjed minn £500" għandhom jidħlu l-kliem "multa ta' mhux inqas minn £500 iżda mhux iżjed minn £1000".

Emenda ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali.

**3.** Fis-subartikolu (3) ta' l-artikolu 7 ta' l-Att prinċipali minflok il-kliem "multa ta' mhux iżjed minn £20 u multa ta' £2 għal kull jum" għandhom jidħlu l-kliem "multa ta' mhux inqas minn £100 iżda mhux iżjed minn £500 u multa ta' £10 għal kull jum".

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jemenda l-Att ta' l-1976 dwar l-Aġenziji ta' l-Ivvjaġġar u Servizzi tal-Lukandi, sabiex tiżdied il-piena ta' multa f'żewġ każijiet.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Travel Agencies and Hotel Services Act, 1976.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows:—

**1.** This Act may be cited as the Travel Agencies and Hotel Services (Amendment) Act, 1982, and shall be read and construed as one with the Travel Agencies and Hotel Services Act, 1976, hereinafter referred to as "the principal Act". Short title.

**2.** In subsection (2) of section 3 of the principal Act for the words "to a fine (*multa*) not exceeding £500" there shall be substituted the words "to a fine (*multa*) of not less than £500 but not exceeding £1000". Amendment of section 3 of the principal Act.

**3.** In subsection (3) of section 7 of the principal Act for the words "to a fine (*multa*) not exceeding £20 and to a fine (*multa*) of £2 for every day" there shall be substituted the words "to a fine (*multa*) of not less than £100 but not exceeding £500 and to a fine (*multa*) of £10 for every day". Amendment of section 7 of the principal Act.

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to amend the Travel Agencies and Hotel Services Act, 1976, so as to raise the penalty of a fine in two instances.

Ippubblikat mit-Taqsima tat-Tagħrif — Kastilja — *Published by the Information Division — Kastilja*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*
Prezz 2c — *Price 2c*